

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИЯ СЪЮЗ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LA UNIÓN EUROPEA
SODNÍ DVŮR EVROPSKÉ UNIE
DEN EUROPEISKE UNIONS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPEISCHEN UNION
EUROOPA LIIDU KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΗΣ ΕΥΡΩΠΑΪΚΗΣ ΕΝΩΣΗΣ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN UNION
COUR DE JUSTICE DE L'UNION EUROPÉENNE
CÚIRT BHRÉITHIÚNAIS AN AONTAIS EORPAIGH
SUD EUROPSKE UNIE
CORTE DI GIUSTIZIA DELL'UNIONE EUROPEA



EIROPAS SAVIENĪBAS TIESA
EUROPOS SAJUNGOS TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI UNIÓ BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE UNIE
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI UNII EUROPEJSKIEJ
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DA UNIÃO EUROPEIA
CURTEA DE JUSTIȚIE A UNIUNII EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKEJ ÚNIE
SODIŠČE EVROPSKE UNIJE
EUROOPAN UNIONIN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA UNIONENS DOMSTOL

KUNDIZZJONIJIET TA' UŻU TAL-APPLIKAZZJONI E-CURIA

1. E-Curia hija applikazzjoni informatika komuni għaż-żewġ qrati li jiffirmaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din l-applikazzjoni tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mezz elettroniku, kif ukoll il-konsultazzjoni ta' dawn l-atti.
2. L-utenti huma mitluba jaqraw b'attenzjoni l-informazzjoni segwenti u jaċċettaw l-obbligi elenkati fl-aħħar parti ta' dan id-dokument.
3. Ir-regoli dwar l-użu tal-e-Curia jinsabu f'diversi dokumenti.

Għall-Qorti tal-Ġustizzja, dawn ir-regoli jinsabu fi:

- ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Settembru 2024 dwar il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia.

Għall-Qorti Ġenerali, dawn ir-regoli jinsabu fi:

- ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;
- id-Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2024 dwar il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia;
- id-Dispożizzjonijiet Prattiċi għall-Implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Dawn id-dokumenti, kif ukoll il-gwida għall-użu tal-e-Curia li huwa komuni għaż-żewġ qrati, huma aċċessibbli online fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

4. L-iscreens ta' konsultazzjoni tal-e-Curia fihom indikazzjonijiet preċiżi dwar l-operazzjonijiet li għandhom jitwettqu kif ukoll link lejn il-gwida għall-użu tal-applikazzjoni.

L-AĊĊESS GĦALL-E-CURIA

5. L-aċċess għall-e-Curia huwa mingħajr ħlas.
6. Talba għall-ftuħ ta' kont tista' titressaq minn:
 - a. aġent jew avukat awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;
 - b. professur li jirrisjedi fi Stat Membru u li, skont il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, ikollu d-dritt li jagħmel sottomissjonijiet orali quddiem il-qorti nazzjonali.

L-aġent, l-avukat jew il-professur imsemmija taħt a) jew b) iktar 'il quddiem huwa indikat fil-kumplement ta' dan id-dokument bħala detentur ta' kont "rappreżentant".

Għall-bżonnijiet esklużivi tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, talba għall-ftuħ ta' kont tista' titressaq ukoll minn:

- c. persuna li taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;
- d. persuna li ma jkollhiex il-kwalità ta' aġent jew ta' avukat iżda li, bis-saħħa tar-regoli proċedurali nazzjonali, tkun madankollu awtorizzata tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju.

Il-persuni msemmija f' c) u d) iktar 'il quddiem huma indikati fil-kumplement ta' dan id-dokument bħala detenturi, rispettivament, ta' kont "qorti" u ta' kont "persuna awtorizzata".

IL-MODALITAJIET TA' FTUĦ TA' KONT

7. Sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mill-funzjonalitajiet tal-e-Curia, talba għall-ftuħ ta' kont għandha titressaq konformement mal-modalitajiet ippreżentati hawn isfel.
8. Il-modalitajiet ta' ftuħ ta' kont ivarjaw skont jekk il-proċedura segwita mill-utent tkunx dik normali jew inkella dik speċifika. Il-proċedura normali tippermetti li jinfetħ kont għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Il-proċedura speċifika hija intiża li tirregola sitwazzjoni mmexxija minn urġenza u tippermetti li jinkiseb il-ftuħ provviżorju ta' kont għall-preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali biss.

Il-proċedura normali, applikabbli għaż-żewġ qrati

9. Il-formola ta' talba għall-ftuħ ta' kont hija aċċessibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-paġna ta' konnessjoni għall-e-Curia. Din il-formola għandha timtela, tiġi ddatata u ffirmata, u mbagħad tintbagħat lir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja jew lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, b'mezz elettroniku jew bil-posta, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn neċessarji.
10. Wara validazzjoni tat-talba għall-ftuħ ta' kont mir-Reġistru tal-qorti kkonċernata, jintbagħtu żewġ messaġġi elettroniċi separati lill-utent. L-ewwel wieħed ikun fih il-kodiċi ta' identifikazzjoni u t-tieni wieħed il-password personali tiegħu. L-utent huwa meħtieġ ibiddel dan il-password malli jidħol għall-ewwel darba fil-kont tiegħu u, sussegwentement, mill-inqas darba kull sitt xhur.
11. Minbarra dan, id-detentur ta' kont "rappreżentant", ta' kont "qorti" jew ta' kont "persuna awtorizzata" jista' wkoll jitlob il-ftuħ ta' kont għal kull assistent maħtur minnu b'ismu (kont "assistent"). Tali kont jippermetti lil dan l-assistent jirċievi n-notifiki, jikkonsulta l-atti proċedurali ppreżentati jew innotifikati permezz tal-e-Curia u jipprepara l-preżentata ta' att, filwaqt li madankollu jiġi ppreċiżat li l-preżentata għandha dejjem tiġi vvalidata mid-detentur tal-kont "rappreżentant", "qorti" jew "persuna awtorizzata" li magħha jkun assoċjat il-kont "assistent". Il-kont "assistent" jintuża taħt ir-responsabbiltà tad-detentur ta' kont "rappreżentant", "qorti" jew "persuna awtorizzata" li huwa meħtieġ jaġġorna regolarment il-lista tal-assistenti tiegħu b'kont "assistent" u, b'mod partikolari, iħassar tali kont fil-każ ta' bidla fl-ambitu professjonali jew fil-każ li huwa jieqaf jipprattika.

Il-proċedura speċifika, applikabbli biss għall-Qorti Ġenerali

12. Meta l-aġent, l-avukat jew il-professur imsemmi fil-punt 6 a) jew b) ta' dan id-dokument ma jkunx ħa l-passi meħtieġa għall-ftuħ ta' kont skont il-proċedura normali fi żmien xieraq qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit għall-preżentata ta' att proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa possibbli li jinfetħ temporanjament kont sabiex tali preżentata ssir skont il-proċedura speċifika. Sabiex il-ftuħ ta' dan il-kont jiġi vvalidat mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, l-aġent, l-avukat jew il-professur għandu jimla online l-formola ta' talba għall-ftuħ ta' kont, jikteb id-data, jiffirmaha u jibgħatha lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, b'mezz elettroniku jew bil-posta, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn neċessarji. Jekk il-verżjoni stampata jew elektronika tal-formola debitament mimlija, datata, iffirmata u akkumpanjata bid-dokumenti ta' sostenn neċessarji ma tasalx fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fi żmien għaxart ijiem mill-preżentata tal-att proċedurali permezz tal-e-Curia, il-Qorti Ġenerali għandha tiddikjara l-att proċedurali ppreżentat permezz tal-e-Curia inammissibbli. Dan it-terminu ma jistax jiġi estiż u t-terminu fiss għal raġuni ta' distanza previst fl-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma huwiex applikabbli.

ID-DIŻATTIVAZZJONI TA' KONT

13. Kont li ma jintużax għal perijodu ta' tliet snin jiġi awtomatikament diżattivat. F'dan il-każ, għandha titressaq talba ġdida għal ftuħ ta' kont.

IL-FUNZJONALITAJIET TAL-E-CURIA

Il-preżentata ta' atti proċedurali

14. L-atti proċedurali ppreżentati permezz tal-e-Curia għandhom jintbagħtu fil-format PDF (immaġini u test).
15. Id-dokumenti trażmessi lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jiġu vverifikati sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tat-trażmissjoni fuq livell informatiku. Fil-każ li tiġi osservata anomalija, il-preżentata tiġi rrifjutata.
16. Konferma tal-preżentata li tindika, b'mod partikolari, id-data u l-ħin tagħha tintbagħat lill-utent permezz ta' messaggġ elettroniku.
17. Peress li t-tul tal-operazzjonijiet ta' preparazzjoni ta' preżentata u ta' trasferiment ta' fajls ivarja, ma huwiex rakkomandabbli li l-utent jistenna sal-aħħar mument tat-terminu sabiex jagħmel il-preżentata.
18. Il-konferma tal-preżentata ġġenerata mill-e-Curia tingħata bla ħsara għall-ammissibbiltà proċedurali tad-dokumenti trażmessi.
19. It-trażmissjoni ta' atti proċedurali tiġi kkriptata awtomatikament. Għal kull att proċedurali ppreżentat, tiġi ġġenerata sensiela unika ta' karattri, skont proċedura standard (SHA-512). Din is-sensiela ta' karattri tidher fil-konferma tal-preżentata li għandha tinżamm, f'verżjoni elettronika, għat-tul tal-proċedura. Huwa possibbli f'kull mument li jiġi vverifikat jekk att proċedurali jkunx ġie emendat, peress li kull bidla fl-att twassal li tiġi ġġenerata sensiela ġdida ta' karattri.

In-notifika ta' atti proċedurali

20. L-utent jiġi avżat permezz ta' messaggġ elettroniku meta jkun hemm disponibbli, fl-e-Curia, att proċedurali li għalih ikollha tingħata konferma ta' notifika.
21. Meta parti tkun irrappreżentata minn diversi persuni li għandhom kont ta' aċċess, jintbagħat messaggġ elettroniku lil kull wiehied minnhom u, skont il-każ, lill-assistenti maħtura minnhom sabiex jiġu avżati li hemm att proċedurali li għalih għandha tingħata konferma ta' notifika.
22. Id-data u l-ħin tan-notifika jikkorrispondu għall-mument li fih l-utent jitlob aċċess għall-att proċedurali. Meta parti tkun irrappreżentata minn iktar minn persuna waħda, jew fejn id-detentur ta' kont "rappreżentant", ta' kont "qorti" jew ta' kont "persuna awtorizzata" jkun kiseb il-ftuħ ta' kont "assistent" għal wiehied jew iktar mill-assistenti

tiegħu, il-mument meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-terminu għandu jkun dak tal-ewwel talba għal aċċess, irrispettivament minn jekk l-applikant ikunx id-detentur tal-kont jew wieħed mill-assistenti tiegħu.

23. Madankollu, att proċedurali jitqies li jkun ġie nnotifikat wara l-iskadenza ta' terminu ta' sebat ijiem mid-data meta jkun intbagħat il-messaġġ elettroniku lill-utent sabiex jiġi avżat bid-disponibbiltà tal-att fl-e-Curia. Huwa rakkomandabbli li l-utent jidħol fl-e-Curia mill-inqas darba fil-ġimgħa.
24. Id-data tan-notifika effettiva jew preżunta ta' att proċedurali tiġi indikata fl-e-Curia. Fil-każ ta' notifika preżunta, jintbagħat messaġġ elettroniku lill-utent sabiex jiġi avżat bid-data ta' din in-notifika.

Il-konsultazzjoni ta' atti proċedurali

25. L-e-Curia tippermetti lill-utent jikkonsulta l-atti li jkun ippreżenta jew li jkunu ġew innotifikati lilu permezz tal-e-Curia.
26. L-atti proċedurali ta' kawża jistgħu jiġu kkonsultati għal perijodu ta' tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni li tagħlaq il-kawża quddiem il-qorti kkonċernata.

Impossibbiltà teknika li tintuża l-e-Curia

27. Meta l-użu tal-e-Curia jkun teknikament impossibbli, l-utent huwa mistieden jgħarraf minnufih lir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali u, jekk ikun il-każ, jieħu l-miżuri kollha neċessarji fl-osservanza tar-regoli proċedurali applikabbli quddiem il-qorti kkonċernata, imsemmija fil-punt 3 ta' dawn il-kundizzjonijiet.

**OBBLIGI LI GĦANDHOM JIĠU AĊĊETTATI MINN KULL AĠENT, AVUKAT,
PROFESSUR JEW PERSUNA AWTORIZZATA SABIEX TIRRAPPREŻENTA
LILHA NNIFISHA JEW TIRRAPPREŻENTA LIL PARTI FIL-KUNTEST TA'
KAWŻA GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI, KIF UKOLL MINN KULL PERSUNA
AWTORIZZATA TAĠIXXI F'ISEM QORTI TAR-RINVIJU**

Inti mitlub taċċetta l-obbligi segwenti, li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom jista' jwassal għad-diżattivazzjoni tal-kont tiegħek:

Jiena ġejt informat dwar il-Kundizzjonijiet ta' użu tal-applikazzjoni e-Curia, u nobbliga ruħi espressament li:


- ma nikkomunikax lil terzi l-password personali tiegħi, peress li kull operazzjoni mwettqa bl-għajnuna tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħi u tal-password tiegħu titqies li twettqet minni;
- nikkomunika mill-iktar fis possibbli kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħi mniżżel fl-e-Curia kif ukoll it-tmiem tal-attivitajiet professjonali tiegħi jew bidla fl-ambitu professjonali;
- nidħol regolarment fl-e-Curia u nikkonsulta l-atti proċedurali indirizzati lili li għalihom ma tkunx għadha nġatit konferma ta' notifiċa, bla ħsara għall-fatt li, fl-assenza ta' konsultazzjoni, att proċedurali jitqies li jkun ġie nnotifikat lili wara l-iskadenza ta' terminu ta' sebat ijiem mid-data meta jkun intbagħatli l-messaġġ elettroniku sabiex javżani bid-disponibbiltà tal-att fl-e-Curia;
- nagħgorna regolarment il-lista tal-assistenti eventwali tiegħi u, b'mod partikolari, inħassar il-kont li nkun tlabt għalihom fil-każ ta' bidla fl-ambitu professjonali jew fil-każ li huwa jkun waqaf jipprattika.

OBBLIGI LI GĦANDHOM JIĠU AĊĊETTATI MILL-ASSISTENT

Inti mitlub taċċetta l-obbligu segwenti, li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jista' jwassal għad-diżattivazzjoni tal-kont tiegħek:

Jiena ġejt informat bil-Kundizzjonijiet ta' użu tal-applikazzjoni e-Curia, u nobbliga ruħi espressament li ma nikkomunikax lil terzi l-password personali tiegħi, peress li kull operazzjoni mwettqa bl-għajnuna tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħi u tal-password tiegħu titqies li twettqet minni.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Settembru 2024.



A. CALOT ESCOBAR



V. DI BUCCI